KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
www.iklin.lc.gov.mt

April 30, 2021

# Rapport Amministrattiv għall-perjodu ta' bejn Jannar u Diċembru 2020

Kif jitlob l-Att XV tal-1993 dwar it-twaqqif tal-Kunsilli Lokali (Kap. 363), darbtejn fis-sena, il-Kunsilli Lokali għandhom isejħu laqgħa tal-lokalità li għandha tinżamm qabel il-laqgħa li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja. Il-Kunsill Lokali, wara din il-konsultazzjoni pubblika mar-residenti, iħejji Pjan ta' Ħidma għal ħames snin li jkun rivedibbli.

Il-fondi allokati għall-funzjonijiet speċifiċi għandhom jintużaw għall-għan li għalih qed jingħataw. Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali ma jistax jonfoq mod ieħor l-allokazzjoni jekk mhux bl-approvazzjoni tad-Diviżjoni wara li tintbagħat talba u raġuni dettaljata.

**Allokazzjoni finanzjarja 2020**

| | |
|---|---|
| Parks and Gardens | €3,912 |
| Urban Maintenance | €54,331 |
| Rural Maintenance | €13,010.00 |
| Street Sweeping | €36,750.00 |
| Rural Cleaning | €5,782.00 |
| Waste Management | €57,835.00 |
| Administration Costs | €98,695.60 |
| Waste Tipping Fees | €19,397.00 |
| **Total Allocation for 2020** | **€289,712.00** |

Meta wieħed jikkompara l-allokazzjoni finanzjarja tas-sena 2020 mqabbla mas-sena 2019, jirriżulta li kien hemm żieda ta' Eur12,590.76c li jfisser 4.35% perċentwali. B'differenza għas-snin preċedenti, il-Gvern alloka Eur7,087 aktar għall-fond tal-Immaniġġjar tal-Iskart - *Waste Tipping fees*.

Il-Kunsill Lokali, bħas-snin preċedenti, osserva bi prudenza l-immaniġġjar tal-finanzi li huwa wieħed mill-prinċipji importanti li Kunsill irid jaħdem bih. Rapporti finanzjarji jiġu ppreżentati kull tliet xhur għall-approvazzjoni tal-Kunsill u dawn ir-rapporti huma pubbliċi fejn wieħed jista' faċilment jaċċessa għalihom permezz tas-sit elettroniku www.localgovernment.gov.mt

Is-sena finanzjarja tal-Kunsill għas-sena 2020 għalqet b'surplus ta' Eur19K. Is-sena 2020 ser tibqa mfakkar fl-istorja għaliex il-pajjiż jew aħjar id-dinja intlaqtet bil-pandemija tal-Corona Virus 19 li ħasdet lil kulħadd u l-effetti u r-riperkussjonijiet inħassu wkoll anke fil-mod ta' kif jaħdmu l-Kunsilli Lokali. Minħabba r-restrizzjonijiet, kellna nadottaw metodu u sistemi oħra biex il-Kunsill baqa' jipprovdi s-servizzi minkejja l-pandemija u l-biża li l-Uffiċċju Amministrattiv seta jispiċċa fi kwarantina obbligatorja minħabba l-istess virus. Il-Kunsill kellu jsib mezzi differenti biex jibqa jopera u investa fit-teknoloġija biex il-Kunsill seta jżomm is-seduti tal-Kunsill b'mod virtwali u fejn l-amministrazzjoni setgħet tkompli bl-operat bix-xiri ta' laptops, l-introduzzjoni ta' share point, u x-xiri ta' sistemi biex il-klijenti jkunu jistgħu japplikaw għall-permessi online.

Matul is-sena, il-Banek kummerċjali adottaw sistemi u proċeduri ġodda bil-għan li s-soċjetà timxi lejn *cashless society* u għaldaqstant il-Kunsilli kellhom jadattaw għal dan it-tibdil li rrid ngħid ma kenitx waħda faċli għaliex il-proċessi tal-Banek kummerċjali saru rigorużi u fejn irriżulta li t-tibdil meħtieġ ħa ħafna żmien (*time consuming)*. Biżżejjed wieħed isemmi li Bank kummerċjali ma kienx qed jaċċetta aktar *cash* tant li ħoloq diffikultajiet mhux żgħar għaċ-ċittadini tagħna biex jinqdew mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Però l-Kunsill għamel il-parti tiegħu biex jadatta ma' dan it-tibdil biex iċ-ċittadin jibqa jingħata s-servizz.

Bħas-snin preċedenti, il-Kunsill Lokali adotta l-*prudence concept* fil-mod ta' kif jiġu amministrati l-fondi pubbliċi. Bħala prijorità, il-Kunsill Lokali jassigura li bl-allokazzjoni finanzjarja li jgħaddi l-Gvern Ċentrali, jimmaniġġja bl-aħjar mod il-fondi pubbliċi billi jagħmel prijorità fuq il-kuntratti obbligatorji li jinkludu s-servizzi tal-*Accountant*, tal-Perit, il-Konsulenti tal-Kunsill, il-Kuntrattur tal-ġbir tal-iskart domestiku, s-servizz tal-ġbir tal-WEEE u bulky refuse, is-servizz tal-knis u l-indafa pubblika, is-servizz tal-manutenzjoni tal-Parki, ġonna u *soft areas*, il-manutenzjoni tat-toroq u l-bankini, s-servizz tal-manutenzjoni tal-lampi tat-toroq (street lighting), il-manutenzjoni tas-sinjali tat-traffiku u l-marki taż-żebgħa, servizz ta' Data Protection Officer u servizzi oħra.

Ma' dawn il-kuntratti obbligatorji, hemm in-nefqa amministrattiva u dik kapitali fejn il-Kunsill Lokali jimbarka fuq proġetti ġodda biex ikompli jtejjeb u jsebbaħ l-infrastruttura tal-lokal.

Dawn il-proġetti jkunu jistgħu iseħħu permezz ta' *grants* li l-Kunsill japplika għalihom minn żmien għal żmien. Matul is-sena li għaddiet, il-Kunsill applika għal numru ta' skemi finanzjarji mall-Kunsill Reġjonali Ċentru biex il-komunità tal-Iklin tkun tista tibbenifika b'mod dirett jew permezz ta' inizjattivi li ħa l-Kunsill fil-qasam tal-infrastruttura fil-lokal.

**Attendenza tal-Kunsillieri għas-seduti tal-Kunsill**

| ID-DISA KUNSILL | | | | | | 2020 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| LAQGHA NO. | DATA | GURNATA | SCIBERRAS DORIAN | BARTOLO YVONNE | FARRUGA BERNICE | ZAMMIT EMANUEL | CATANIA GODWIN |
| 12 | 14/01/2020 | It-Tlieta | IVA | IVA | ASSENTI B'APOLOĠIJA | IVA | ASSENTI B'APOLOĠIJA |
| 13 | 28/01/2020 | It-Tlieta | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 14 | 17/02/2020 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 15 | 02/03/2020 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 16 | 17/03/2020 | It-Tlieta | IVA | ASSENTI B'APOLOĠIJA | IVA | ASSENTI B'APOLOĠIJA | IVA |
| 17 | 13/04/2020 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 18 | 04/05/2020 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 19 | 25/05/2020 | It-Tnejn | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 20 | 11/06/2020 | Il-Hamis | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 21 | 03/07/2020 | Il-Gimgha | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 22 | 31/07/2020 | Il-Gimgha | IVA | IVA | ASSENTI B'APOLOĠIJA | IVA | IVA |
| 23 | 28/08/2020 | Il-Gimgha | IVA | IVA | IVA | ASSENTI B'APOLOĠIJA | IVA |
| 24 | 18/09/2020 | Il-Gimgha | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 25 | 15/10/2020 | Il-Hamis | IVA | IVA | ASSENTI B'APOLOĠIJA | IVA | IVA |
| 26 | 12/11/2020 | Il-Hamis | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |
| 27 | 09/12/2020 | L-Erbgha | IVA | IVA | IVA | IVA | IVA |

Bejn Jannar u Diċembru 2020, il-Kunsill Lokali ltaqa' formalment (16) darbiet. L-attendenza tal-membri fil-Kunsill kienet waħda sodisfaċenti. Il-laqgħat huma pubbliċi u *streamed live* għall-benefiċċju tar-residenti u l-pubbliku ngenerali. Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras attenda għas-seduti kollha tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo attendiet s-seduti kollha tal-Kunsill neqsin waħda. Il-Kunsillier Bernice Farrugia attendiet (13) seduti u kienet assenti b'apoloġija (3) laqgħat. Il-Kunsillier Emanuel Zammit attenda (14) seduta u kienet assenti b'apoloġija (2) laqgħat. Il-Kunsillier Godwin Catania attenda għas-seduti kollha tal-Kunsill neqsin waħda.

**Proġetti infrastrutturali fil-lokal u fiż-żona rurali**

- Is-sena 2020 kienet sena oħra mpenjattiva u mimlija sfidi għall-Kunsill b'ħidma kontinwa minkejja l-pandemija COVID-19.

- Il-proġett 'Enhanced Farm Access Roads' mibdi fis-sena 2018 fi Triq il-Ħwawar b'fondi tal-EARDF 2014-2020 kien magħluq fiżikament fl-ewwel kwart tas-sena 2019. Proġett li ġie jiswa *circa* Eur200k b' ko-finanzjament 90%-10%.

- F'Ġunju 2018, ingħata Tender lill-kuntrattur Asphaltar Ltd u f'Awwissu beda l-proġett fuq il-*water main* (underground infrastructure) tul Triq il-Ħwawar. Fuq rakkomandazzjoni tal-Perit, kien ikkummissjunat *land surveyor* biex isir *topographical survey* qabel ma jingħata l-asfalt tat-triq tul ta' 750 metru tul bi 8 metri wiesa. Fix-xhar ta' Diċembru 2018 ingħatat l-ewwel parti tat-triq u x-xogħol ġie konkluż fix-xhar ta' Marzu 2019. Id-dewmien fit-tkomplija tal-proġett kien dovut minn fatturi esterni (external factors) fejn il-Kunsill ma kellux kontroll assolut fuq is-sitwazzjoni. Il-Kunsill għalaq il-proġett mal-Aġenzija ARPA fil-31 ta' Diċembru 2020.

- Matul is-sena 2020, il-Kunsill Lokali kompla jtejjeb l-infrastruttura tal-Iklin u l-immaniġġjar tat-traffiku bi proġett fi Triq San Mikiel. Minħabba d-diffikultà tal-ispazji għall-parkeġġ, il-Kunsill għamel eżerċizzju fi Triq San Mikiel u talab lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex japplika għal 16-il spazju ġdid għall-parkeġġ biswit il-faċilità tal-parkeġġ. It-talba ġiet approvata mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta u ġew implimentati 16-il spazju ġdid għall-parkeġġ. Ġew implimentati collapsible bollards fi Triq San Mikiel ma' Triq Triq in-Naxxar biex jitjieb l-immaniġġjar tat-traffiku u jkunu evitati l-inċidenti. Sar ukoll *refreshing* u korrezzjoni tal-marki tat-toroq biex is-sewwieqa jkollhom viżibilità aħjar tat-triq.

- Matul is-sena li għaddiet, il-Kunsill iffoka parti mill-ħidma tiegħu fuq l-immaniġġjar tat-traffiku f'toroq residenzjali fl-Iklin. Kien ilu jinħass il-bżonn li jsir ameljorament fl-immaniġġjar tat-traffiku fiż-żona ta' Triq Stefano Erardi, Triq Dr. Lewis F. Mizzi u t-toroq immedjati. Wara diskussjoni fil-Kunsill, saret konsultazzjoni sħiħa mar-residenti taż-żona dwar it-tibdil propost fl-immaniġġjar tat-traffiku. Il-Kunsill laqa' ir-reazzjonijiet u l-kummenti tar-residenti u wara li reġa studjat l-immaniġġjar tat-traffiku, saret ir-rakkomandazzjoni lill-Awtorità dwar it-Trasport għal dan it-tibdil. L-Awtorità approvat it-tibdil fl-immaniġġjar tat-traffiku. L-iskop għal dan it-tibdil kien biex it-toroq tal-Iklin ikunu aktar siguri filwaqt li l-*flow* tat-traffiku jkun immaniġġjat aħjar.

- Lura għas-sena 2017, preċiżament f'Novembru, il-Kunsill kien applika taħt miżura oħra M4.4 – *Investments in Physical Assets – Support for non-productive investments linked to the achievement of agri-environment-climate objectives* bil-proġett propost restawr u rikostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjiegħ f'diversi żoni madwar L-Iklin li jinsabu fi stat ta' dilapidazzjoni fi Triq in-Namur, parti minn Triq Għargħur, Sqaq Ġarda, u Triq Richard Taylor. F'Settembru 2018, il-Kunsill irċieva mingħand *Funds and Programmes Division* li l-Kunsill kien ikkwalifika taħt il-miżura M4.4 fejn il-Kunsill ser jibbenifika minn €176,500.86 (VAT inkluż) minn fondi permezz ta' ko-finanzjament 80%-20%. Il-*Grant Agreement* ġie ffirmat f'Diċembru 2018 u l-Kunsill beda l-proċess amministrattiv f'dak li huwa akkwist pubbliku. Ġew sottomessi l-applikazzjonijiet għall-permess ta' żvilupp mal-Awtorità tal-Ippjanar għas-siti fi Sqaq in-Namur, Sqaq Ġarda k/m Triq Għargħur, u Triq Richard Taylor. Il-proċess tal-akkwist tlesta fit-tieni kwart tas-sena u x-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni tal-ħitan tas-sejjiegħ beda f'Awwissu 2020. Il-proġett miexi kif ippjanat fejn huwa mistenni li l-proġett jitlesta fit-tieni kwart tas-sena 2021.

- Biex itejjeb l-aċċess għall-*pedestrians*, il-Kunsill għamel *reinstatement* fi sqaq bejn Triq San Mikiel u Triq il-Klin peress li dan il-passaġġ jintuża ferm mir-residenti u l-*users* li jżuru ż-żona residenzjali/kummerċjali fl-Iklin. L-imsemmi sqaq kien kollu żrar, u minħabba l-istat ħażin li kien fih, kien jikber ħafna veġitazzjoni u kien perikoluż għal kull min juża dan l-isqaq. Peress li l-Kunsill għandu r-responsabbiltà taż-żamma u l-manutenzjoni tal-bankini u t-toroq, kienet prijorità għall-Kunsill li jikkummissjona lill-kuntrattur appuntat tal-Kunsill biex isir wiċċ ġdid tal-concrete biex ikun assigurat aċċess mingħajr periklu u jkun eliminat kull tip ta' veġitazzjoni u skart li jinġemgħa fl-imsemmi sqaq.

- Fl-istess żona, il-Kunsill identifikat ħwat fi Triq San Mikiel li kienu saru mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta lura għas-sena 2013 u dawn il-ħwat spiċċaw litteralment *dumping site*. Il-Kunsill ikkummissjona lil ELC Ltd bħala l-kuntrattur tal-Kunsill biex nimmassimizzaw minn dan l-ispazju li ma kienx utilizzat bl-aħjar mod biex isiru *planters* u nintroduċu x-xitla tal-klin (Rosmarinus officinalis prostrates) u r-rand (Laurus nobilis) b'total ta' *landscaped area* 227.17m$^2$.
  B'dan il-mod, il-Kunsill qed iħaddan il-politika 'towards amore greener environment'. Fi Triq il-Wied km Triq il-Ħarruba, il-Kunsill għamel modifika fi planter minħabba l-ilmijiet tax-xita li kien qed iġorr kollox u permezz tal-kuntrattur ELC Ltd bena corten steel walls, root barrier, gravel, geotextile u ġew miżrugħa siġar taż-żebbuġ (Olea Europaea), u xitel tal-klin (Rosmarinus officinalis prostrates) biex il-Kunsill ħoloq *landmark* mill-isbaħ f'din iż-żona.

**Attivitajiet soċjali għall-komunità tal-Iklin bħala mezz ta' *community engagement***

Il-Kunsill Lokali jemmen fis-sħiħ dwar parteċipazzjoni attiva. Għal sena oħra, il-Kunsill żamm l-appuntamenti annwali tiegħu biex joħloq attivitajiet biex tipparteċipa l-komunità permezz ta' attivitajiet soċjali, kulturali, u dawk edukattivi. Is-sena 2020 kellha tieqaf ħesrem f'Marzu minħabba l-pandemija. Fl-ewwel xahrejn tas-sena, il-Kunsill kien tella żewġ attivitajiet soċjali.

Bejn 21 -23 Frar ġiet organizzata attività soċjali għall-komunità. Il-parteċipazzjoni kienet waħda sodisfaċenti.

Fl-24 ta' Far – kien organizzat Carnival Kid's Party għat-tfal tal-Iklin fis-Sala tal-Kunsill bl-għajnuna tas-sotto-kumitat tal-Kultura u Edukazzjoni u Sports;

Fit-3 ta' Marzu ġiet organizzata attività soċjali għal Jum il-Mara.

Sfortunatament, il-kuntatt mar-residenti tal-Iklin kellu jieqaf ħesrem minħabba l-pandemija.

**PROĠETT SLOW STREETS**

**Mozzjoni dwar il-proġett SLOW STREETS biex il-Kunsill ikun jista japplika għall-finanzjament ta' proġetti Kapitali – Aċċessibilità u Mobilità**

Billi l-Kunsill Lokali L-Iklin kien wera l-interess biex jidħol fi proġett pilota 'SLOW STREETS' fejn is-suġġett kien ġie diskuss waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-11 ta' Ġunju 2020 u kien ittieħed vot biex il-Kunsill jaħdem fuq dan il-proġett;

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras kien ta *briefing* dwar il-proġett 'SLOW STREETS' fejn il-Kunsill Lokali L-Iklin kien iddikjara l-interess tiegħu biex jissieħeb f'dan il-proġett mniedi mill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali, il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Kunsilli Lokali;

Is-Sindku fakkar li l-Kunsill Lokali L-Iklin kien wieħed mill-ħamsa u tletin (35) Kunsill li għoġbu jissieħeb f'dan il-proġett u spjega li l-kunċett ta' dan il-proġett li huwa bbażat fuq miżuri temporanji u l-istudju li ser isir għandu jwassal biex jiġu kkunsidrati u mplimentati spazji miftuħa.

Is-Sindku spjega li l-ideja tkun li tnaqqas l-aċċess għal *foreign traffic*, suġġett li kien ilu jiġi diskuss f'leġiżlaturi preċedenti u fejn il-Kunsill kien issottometta numru ta' rakkomandazzjonijiet lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex partikolarment matul *rush hour* jingħalqu ċertu toroq fil-qalba tal-Iklin biex jingħata nifs iċ-ċentru *(core)* tar-raħal;

Kompla billi qal li dan il-pjan għandu jassigura li l-mobilità f'dawn it-toroq għandu jkun wieħed sigur, sostenibbli, u effiċċjenti. Permezz ta' dan il-proġett, il-Kunsill ikun qed jagħti nifs ġdid lil dan ir-raħal minn emissjonijiet Carbon dioxide $CO_2$ filwaqt li jinħoloq aktar spazju għal dawk li jużaw ir-rota, il-mixi bħala mod alternattiv f'dawn it-toroq. Permezz ta' dan il-proġett, il-Kunsill jerġa jirriattiva l-kultura tar-rota u jippromwovu 'a healthy lifestyle', ħajja sana.

Il-Kunsill kien approva l-proposta biex Triq Alfons Maria Galea tingħalaq għal *foreign traffic* bejn is-7.30a.m. u l-10.00 a.m. filwaqt li Triq Mons. P.P. Saydon u Triq Anton Buttigieg jingħalqu għal *foreign traffic* bejn l-4.30 p.m. u s-7.00 p.m. sintendi l-aċċess jibqa biss għar-residenti tal-Iklin;

U billi l-Kunsill irċieva ċirkolari SPI/SCI/3/2020 maħruġa mid-Direttur (Gvern Lokali) Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy datata 11 ta' Settembru 2020 fejn ħarġu l-linji gwida dwar proġetti li jistgħu jiġu ffinanzjati minn dan il-fond;

Is-Sindku kien ressaq mozzjoni biex il-Kunsill japplika għall-finanzjament biex il-proġett propost biex jitnaqqas it-tniġġiż fl-arja fit-toroq residenzjali indikati kif ġiet approvata fis-seduta tal-Kunsill f'Ġunju 2020.

**Distribuzzjoni ta' flower pots lill-komunità tal-Iklin 2020**

'Festa tal-Fjuri' kellha tiġi kkanċellata minħabba l-pandemija tal-Corona virus. Madankollu l-Kunsill ħa l-opportunità biex issir distribuzzjoni ta' *flower pots* f'kull residenza fl-Iklin bħala turija ta' solidarjetà f'dan iż-żmien straordinarju fejn kellu jinqata' l-kuntatt soċjali.

Grazzi għall-kollaborazzjoni sħiħa mal-kumpannija ELC Ltd, il-Kunsill irnexxielu jagħmel l-arranġamenti u ħadem fuq il-loġistika biex il-Kunsill għamel distribuzzjoni ta' fjuri lill-komunità kollha tal-Iklin. Dan il-ġest kien apprezzat ferm mir-residenti tal-Iklin u kellna feedback pożittiv anke saħansitra fuq il-mezzi soċjali.

**Is-sit ta' San Mikiel**

Is-sit ta' San Mikiel ingħata *b'encroachment* lill-privat bħala faċilità għall-parkeġġ u ma' kien hemm l-ebda żviluppi oħra matul is-sena 2020.

**Skemi Finanzjarji favur il-Komunità – Distribuzzjoni ta' anti-Covid packs lir-residenti 65+**

Il-Kunsill kien eliġibbli għal skema biex tibbenifika l-komunità fejn il-Kunsill flimkien mall-Kunsill Reġjonali Ċentru għamel distribuzzjoni f'pakketti ta' għajnuna kontra Covid-19 għal persuni 65+ li jirrisiedu l-Iklin.

Inizjattiva simili oħra kienet l-iskema li l-Kunsill ibbenifika minnha billi f'kollaborazzjoni mall-Kunsill Reġjonali Ċentru, saret distribuzzjoni ta' *face masks* lir-residenti li isimhom jidher fir-Reġistru Elettorali 16+. Ir-residenti apprezzaw ferm dan il-ġest min-naħa tal-Kunsill.

**Laqgħat mal-Awtoritajiet u entitajiet oħra**

Is-Sindku Dott. Sciberras kellu laqgħat ma' Infrastructure Malta dwar il-proġetti ta' Triq il-Wied u Triq il-Bruka. Matul is-sena 2020, il-Kunsill kellu sena impenjattiva peress li kien *stakeholder* importanti f'dawn il-proġetti. Fi Triq il-Wied, il-Kunsill ressaq numru ta' proposti biex titjieb l-infrastruttura tat-triq billi jiġi mplimentat *storm water culverts*, tibdil ta' *sewer main* minn Triq il-Bruka 'l isfel, l-implimentazzjoni ta' pelican light, Bus Shelter u *soft landscaping project* fil-parti t'isfel ta' Triq il-Wied km Triq l-Awrikarja.

Lejn l-aħħar kwart tas-sena, il-Kunsill talab appuntament mall-Onor. Ministru Dr. Aaron Farrugia (Ministeru tal-Ambjent, Tibdil fil-Klima, u l-Ippjanar) minħabba *issues* ambjentali li kienu qed ikunu ta' preokkupazzjoni u jħallu mpatt negattiv fuq ir-residenti tal-Iklin. Fil-fatt, f'Novembru l-Kunsill ħareġ stqarrija peress li kien qed jirċievi diversi ilmenti minghand ir-residenti taż-żona, rigward rwejjaħ qawwija u insapportabbli ta' asphalt u/jew tarmac u/jew bħal donnu *tyres* li qegħdin jinħarqu. Saħansitra kellna residenti li rraportaw dħaħen viżibbli fuq ir-residenzi tagħhom. Immedjatament il-Kunsill Lokali talab lil l-Awtoritajiet konċernati partikolarment l-ERA u l-Ufficju tas-Sanità sabiex jinvestigaw u jaċċertaw ruħhom illi ma hemmx periklu għas-saħħa pubblika.

Il-Kunsill Lokali Iklin ħass illi għandhom jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji mill-awtoritajiet kollha kompetenti sabiex jigi aċċertat b'mod ċert illi ma hemm ebda periklu għas-saħħa tal-individwu u li l-arja taż-żona ma fiha ebda kimika jew sustanza li tipperikola liċ-ċittadini. Ir-residenti tal-Iklin jinsabu imħassbin ħafna u imdejqa li qed ikollhom jissaportu dawn l-irwejjaħ mingħajr ċertezza illi mhux qed issir ħsara lil saħħithom. Ir-residenti għandhom id-dritt illi jkollhom serħan il-moħħ illi huma qegħdin jgħixu f'ambjent sigur.

Din is-sitwazzjoni turi b'mod ċar l-importanza illi jkun hemm monitoraġġ kostanti u effikaċi fuq is-siti industrijali, speċjalment dawk li jinsabu viċin l-abitat u li qabel jingħataw permessi ta' tip industrijali mill-Awtoritajiet, isir assessjar serju tal-impatt fuq l-ambjent urban tal-madwar. Siti industrijali viċin wisq tal-abitat joħolqu problemi għas-saħħa tal-individwu kif ukoll inkonvenjenzi serji oħra bħal ħsejjes u passaġġ ta' makkinarju goff minn żoni purament residenzjali.

Il-Kunsill Lokali jħoss id-dmir illi jkompli jinsisti sabiex isiru testijiet dwar il-kwalità tal-arja taż-żona u jiġi ċċertifikat illi verament ma hemm ebda periklu għas-saħħa pubblika.

Ma għandu jkun hemm edba dubju illi saħħet il-bniedem għandha tiġi l-ewwel u qabel kollox u għandna nassiguraw bħala pajjiż illi jinżammu dejjem u f'kull istanza l-istandards għoljin tas-saħħa u s-sigurtà. Il-Kunsill Lokali jħoss illi dan huwa prinċipju li fuqu ma jista' jsir ebda kompromess.

Il-Kunsill għadu qed jistenna li jiltaqa' mal-Onor. Ministru biex tiġi ndirizzata din il-materja.

**Proġett mal-Università ta' Malta**

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras kien talab appuntament mad-Dekan tal-Fakultà tas-Social Policy biex il-Kunsill jesplora l-possibiltajiet li l-Kunsill jaħdem fuq proġett flimkien mal-Università ta' Malta biex isir *needs anaylsis* li huwa forma ta' process sistematiku biex ikunu identifikati l-bżonnijiet u l-aspetti soċjali tal-komunità tal-Iklin. B'dan il-mod, il-Kunsill ikun jista jfassal il-politika tiegħu għal ħames snin li ġejjin.

Kienet inżammet laqgħa mal-Prof. Azzopardi mill-Fakultà tas-Social Wellbeing fl-Università ta' Malta fejn is-Sindku Dott. Sciberras tkellem dwar il-viżjoni tiegħu biex isir proprju dan l-istudju dwar l-aspett soċjali tal-komunità biex il-Kunsill jimbarka fuq proġetti tanġibbli li tassew teħtieġ il-komunità.

Il-proposta ġiet ippreżentata minn Dr. Andrew Camilleri mill-Fakultà tas-Social Wellbeing bl-ideja li jsir studju xjentifiku dwar il-komunità biex il-Kunsill ikun jista jfassal Pjan ta' Ħidma maħdum fuq dak li teħtieġ verament il-komunità tal-Iklin.

Dan l-istudju huwa mqassam fuq ħames stadji fejn jinkludi 'Literature Review', it-tieni stadju ikun jikkonsisti fi 'Preliminary Data Gathering', it-tielet stadju jkun jitratta 'Research Instruments and Methodology' ir-raba' stadju jkun jikkonsisti 'Mixed Methods Data Gathering and Analysis' u l-aħħar stadju jkun jikkonsisti fi 'Interpretation Reporting of Findings and Recommendations'.

Biex isir din ir-riċerka, il-pakkett finanzjarju jammonta għal Eur14k li tinkludi l-involviment ta' Project Co-ordinator, Key Resaeacher (Master's Degree), Advisory Board, Faculty for Social Wellbeing, u Project Support Office/Indemnity.

Rigward l-aspett finanzjarju, il-Kunsill irnexxielu jittepja Eur12k, fondi ġġenerati mill-Kunsill Reġjonali Ċentru u diġa qegħdin fuq il-kotba tal-finanzi tal-Kunsill. Fil-Pjan ta' Ħidma, il-Kunsill inkluda dan l-istudju u ħaseb ukoll għall-ispiża fejn il-Kunsill alloka Eur2k mill-allokazzjoni finanzjarja 2020 biex jassorbi din l-ispiża.

F'dan l-istadju, il-Kunsill Lokali L-Iklin qed jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment biex jawtorizza lill-Kunsill biex ikun jista jipproċedi b'dan l-istudju. Il-Kunsill qed iressaq it-talba lid-Dipartiment fid-dawl tal-arranġamenti tar-Regolamenti dwar l-akkwist pubbliku biex ikun ezenti mill-process tal-akkwist peress li dan il-progett se jkun qed isir mal-Universita ta' Malta.

F'Ottubru 2020, il-Kunsill ġab il-*clearance* mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn ġejna mitluba biex il-Kunsill jieħu wkoll parir legali, il-Kunsill għadda wkoll minn dan il-proċess biex ikun aċċertat governanza tajba u nipproċedu b'dan il-proġett mal-Università ta' Malta. Issa l-proċess li jmiss huwa dak li jiġi ffirmat ftehim ta' kollaborazzjoni biex dan il-proġett jiġi varat fis-sena 2021.

**Laqgħat ma' ditti kummerċjali**

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras kellu laqgħat ma' ditti kummerċjali bil-għan li jippromwovi politika imprenditorjali fejn il-Kunsill jara li jqarreb lejn xulxin l-interessi tas-sidien tan-negozji.

Matul is-sena li għaddiet, kellu diversi okkażjonijiet fejn is-Sindku Dott. Sciberras iltaqa' ma' numru ta' sidien tan-negozju fl-Iklin biex jibni relazzjoni u jsir ftehim ta' kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u l-privat.

B'sodisfazzjon, il-Kunsill irnexxielu jasal fi ftehim ma' ditta kummerċajli fl-Iklin dwar inizjattiva a favur l-ambjent fejn il-Kunsill wasal fi ftehim biex il-Kunsill jagħmel distribuzzjoni ta' kontenituri tal-plastic bil-logo tal-Kunsill lir-residenzi kollha fl-Iklin biex ir-residenti inħajruhom jirriċiklaw aktar il-ħġieġ. Din l-inizjattiva intlaqgħet b'mod pożittiv mar-residenti tal-lokal.

**Titjib fl-infrastruttura u xogħlijiet anċillari fil-lokalità**

Kull xhar is-sena kollha, il-Kunsill għandu obbligu morali li jieħu ħsieb iż-żamm tal-*playingfield* fi Pjazza Ninu Cremona billi jidentifika xi perikli li jistgħu ikunu kkawżati minħabba l-użu normali, xi atti vandali u minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp. Lejn it-tielet kwart tas-sena, il-Kunsill beda eżerċizzju ta' *market research* biex isir *upgrade* tal-*playing field* bil-possibiltà li jiġu wkoll implimentati *sail shades* biex jilqgħu għall-elementi partikolarment fix-xhur sħan tas-sajf.

Il-Kunsill kompla għaddej bil-funzjonijiet tiegħu billi baqa' għaddej bil-manutenzjoni tas-sinjali u l-marki tat-toroq, manutenzjoni tal-lampi tat-toroq, tindif u l-manutezjoni ta' *rain water culverts, road patching* u xogħlijiet oħra ta' manutenzjoni li saru mill-ħaddiem assenjat mall-Kunsill.

Biex il-Kunsill ikompli jtejjeb l-infrastruttura tad-dawl fit-toroq tal-Iklin, saru talbiet għall-lampi ġodda fi Triq ir-Razzett l-Aħmar biex it-toroq ikollhom dawl suffiċċjenti għall-ġid komuni tar-residenti.

**L-amministrazzjoni u l-operat tal-Kunsill**

L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali hija komposta minn Segretarju Eżekuttiv f/timer, Asst. Prinċipal Uffiċċjal u Uffiċċjal Eżekuttiv fuq bażi Part-Time. Fil-każ tal-Asst. Prinċipal Uffiċċjal, il-Kunsill Lokali kien approva li din l-impjegata tibbenifika mill-*Family Friendly Measures* u taħdem bi *reduced hours* għal 30 siegħa fil-ġimgħa. Tlifna s-servizz ta' ħaddiem assenjat mall-Kunsill tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation* fil-bidu tas-sena l-ġdida. Insellem il-memorja ta' din il-persuna li kien ilu mall-Kunsill għal dawn l-aħħar numru ta' snin. Ħaddiem ta' RSSL assenjat mall-Kunsill Lokali L-Iklin. Fil-bidu tas-sena, bdiet mall-Kunsill impjegata ġdida tal-Community Workers Scheme Enterprise Foundation assenjata mall-Kunsill Lokali L-Iklin.

Matul is-sena li għaddiet, l-amministrazzjoni ppruvat tidentifika n-nuqqasijiet li seta' kien hemm fl-għoti ta' servizzi u anke tindika l-livell ta' servizz li qed jingħata biex inkomplu ntejbu s-servizzi li noffru.

Il-Kunsill Lokali joffri diversi servizzi pubbliċi. L-amministrazzjoni għandha l-għan li toffri s-servizzi b'mod effiċċjenti u effikaċi.

Minħabba l-esiġenzi tax-xogħol, il-Kunsill kellu jinvesti fit-teknoloġija tal-informatika biex fl-eventwalità ta' lockdown, il-Kunsill seta jkompli għaddej bis-servizzi lejn il-pubbliku. Biex intejbu s-servizz pubbliku, il-Kunsill investa f'sistema web-based application biex il-klijenti jkunu jistgħu jinqdew mill-kumdità tad-djar tagħhom anke minħabba r-restrizzjonijiet u d-distanza soċjali. Il-Kunsill ħareġ bl-ideja *stay safe and apply online*. Il-permessi għal depożitu ta' makkinarju, u permessi oħra li kienu jeħtieġu permess mill-Kunsill setgħu isiru *online*.

Matul is-sena 2020, il-Kunsill Lokali irċieva (352) ilmenti li jvarjaw minn qtugħ ta' lampi fit-toroq residenzjali, ilmenti dwar il-manutenzjoni tal-ġonna, indafa pubblika, u ilmenti oħra dwar l-immaniġġjar tal-iskart. (318) tal-ilmenti ngħalqu a sodisfazzjon tal-klijenti filwaqt li l-Uffiċċju għadu jsegwi l-pendenzi (34) bil-għan li jiġu ndirizzati u magħluqa sintendi jiddependi min-natura tal-ilment/suġġeriment. Hemm istanzi fejn il-Kunsill Lokali jkun irid jirriferi dawn l-ilmenti lill-entitajiet oħra li jieħdu aktar żmien biex il-każijiet jiġu investigati u ittrattati.

Il-ġabra ta' informazzjoni mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill turi kif fis-sena 2020, il-Kunsill irċieva numru ta' ilmenti li kienu jikkonċernaw lill-entitajiet varji bħal Enemalta, WSC, Kummissarju tal-Pulizija, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, Infrastructure Malta, ERA, l-Aġenzija LESA, MCA, BRO, service providers GO plc, Melita plc, Public Cleansing Department, CPD, Animal Welfare, u d-Dipartiment tas-Saħħa. L-ilmenti telgħu għal (352) fejn (318) ġew solvuti a sodisfazzjon tal-klijent u baqa' (34) ilment pendenti.

Skont l-istatistika li nġabret mill-Uffiċċju, il-Kunsill Lokali ħareġ madwar (916) permess għal Depożitu ta' Makkinarju goff, (88) permess għal Depożitu ta' Skip Industrijali f'toroq residenzjali, (14) permessi għal xogħlijiet ta' trinek, (12) permess għal depożitu ta' materjal tal-bini jew oġġetti fit-triq, u depożitu għal street furniture (1).

Il-Kunsill Lokali joffri wkoll servizzi oħra bħal ħlas tal-liċenzi tal-ħwienet tan-negozju, il-ħlas tal-multi, il-kirjiet, u naturalment iservi bħala *one stop shop* dwar servizzi pubbliċi online.

**Kontijiet Bankarji**

**Bilanċi fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank sal-31.12.2020**

| | | |
|---|---|---|
| HSBC Bank: | Kont Kurrenti: | Eur108,295.26c |
| HSBC Bank: | Kont Savings: | Eur40,397.40c |
| HSBC Bank: | Kont Fiss (1) | Eur7,342.13c |
| HSBC Bank: | Kont Savings | Eur12,844.59c |
| HSBC Bank: | Bank Guarantee | 0 balance |

| | | |
|---|---|---|
| BOV plc | Kont Kurrenti: | Eur2,732.00c |
| BOV plc | Kont Kurrenti: | Eur40.43c (Ecommerce Merchant Account) |

| | |
|---|---|
| Petty Cash | Eur69.88 |

**Għeluq**

Nikkonkludi dan ir-rapport billi nirringrazzja lis-Sindku Dott. Sciberras tal-appoġġ u l-impenn sħiħ tiegħu lejn din il-lokalità. Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-Kunsillieri ta l-appoġġ sħiħ tagħhom minkejja d-diffikultajiet li ġabet magħha l-pandemija.

Fl-aħħarnett nixtieq nirringrazzja pubblikament lill-amministrazzjoni tar-responsabbiltà, l-integrità u l-motivazzjoni tagħhom matul is-sena kollha, lill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill u fl-aħħarnett lir-residenti ta' din il-lokalità li jappoġġjaw l-inizjattivi li jieħu l-Kunsill fl-aħjar interess tar-residenti u tal-lokal.

Etienne Montfort

Segretarju Eżekuttiv

30/04/2021